MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2002

Numru 122/2002

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
(Spettur Neville Xuereb)
vs
Mussa A A Awad

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Mussa A A Awad u detentur tal-passaport Libjan numru 92652, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-26 ta' Ottubru 2002 gewwa l-Gzira ghall-habta tas-2.00p.m.:

a) Kellu fil-pussess tieghu arma li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
b) Garr arma li taqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
c) Ikkaguna feriti ta' natura hafifa permezz ta' arma li taqta fuq il-persuna ta' Stefan Vella hekk kif iccertifika Dr David Camilleri MD mic-centru tas-sahha Gzira;

d) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi flimkien ma persuna ohra, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-Persuna ta’ Williams Dionisios Angelos Corito hekk kif iccertifika Dr David Camilleri M.D. tac-Centru tas-Sahha, Gzira;
e) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, hebb kontra il-persuna ta’ Williams Dionisios Angelos Corito u Stefan Vella sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-26 ta’ Ottubru tas-sena 2002 il-pulizija gew infurmati illi ghall-habta ta’ saghtejn ta’ wara nofsinhar inqalghet glieda f’Reid Street il-Gzira.

Illi skond Stefan Vella dakinhar in kwistjoni huwa kellu incident mal-imputat il-Gzira. Vella xehed illi huwa kien miftiehem illi s-Sur Corito kellu jigi ghalih ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar ghand ommu l-Gzira. Fil-fatt is-Sur Corito kien gie ghalih, kien isfel fil-karozza tieghu u kien inqala argument bejn is-Sur Corito u xi haddiehor, certu Josef. Huwa ma kienx prezenti meta inqala dan l-incident. Nizel isfel, tela’ fil-karozza ta’ Corito u fit-triq ra l-karozza li kien fiha l-imputat u xi haddiehor quddiem. Dawn nizlu it-triq lejhom ‘one way’, ipparkjaw mal-genb u nizlu mill-karozza u huma, jigifieri Stefan Vella u Corito hargu wkoll mill-karozza. Skond Stefan Vella, Corito u hu l-imputat bdew jiggieldu u huwa iggieled mal-imputat. Iggieled mieghu, skond Vella, ghaliex ra lill-imputat gej lejh biex isawwtu. Huma qabdu jaghtu u Vella xehed li ma jafx min ta l-ewwel daqqa. Huwa xehed illi b’konsegwenza tal-glieda kellu qasma f’idejh ix-xellugija u ghalhekk ikkonkluda li l-imputat kien laqtu b’xi haga.

Pero’ xehed ukoll illi lill-imputat ma ralu xejn f’idejh. Vella xehed illi huwa ma ra l-ebda strument illi jaqta f’idejn l-imputat u dan fl-ebda hin. Vella xehed illi wara l-glieda huwa ra illi hu l-imputat kellu d-demm, pero’ cahad illi Corito kien uza xi hadida f’din il-glieda. Vella xehed ukoll illi l-imputat bl-ebda mod ma ghajru jew stiednu ghall-glied hu u miexi fid-direzzjoni tieghu. Kien ghalhekk hu li ikkonkluda illi l-imputat kien gej lejh biex jiggieled mieghu u ghalhekk qabad jiggieled mieghu hu.

Illi l-Qorti ezentat lil Williams Angelos Dionisios Corito milli jixhed peress illi hemm proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu.

Illi xehed l-imputat u qal illi dakinhar tal-incident huwa u huh kienu sejrin biex jaghmlu xagharhom u f’hin minnhom il-karozza tieghu u dik tas-Sur Corito iffaccjaw lil xulxin fit-triq. Skond l-imputat is-Sur Corito tkellem hazin fil-konfront ta’ huh, umbaghad mar fil-karozza tieghu, hareg hadida u resaq lejhom bil-hadida f’idejh. Meta ra hekk l-imputat irriversja bil-karozza u telqu ‘l hemm, pero’ s-Sur Corito saq ghal warajhom. F’hin minnhom kien hemm karozza quddiemhom illi waqfet u ghalhekk huma kellhom jieqfu wkoll, is-Sur Corito hareg mill-karozza tieghu u gie ghalihom bil-hadida. Hareg Stefan Vella wkoll illi habat ghall-imputat u sawwtu b’idejh. L-imputat cahad kategorikament illi kellu xi sikkina jew strument iehor li jaqta f’idejh waqt il-glieda. Huwa xehed illi Stefan Vella kellu mus f’idejh u meta ra l-mus f’idejn Stefan Vella l-imputat harab. L-imputat finalment xehed illi ra lis-Sur Corito jaghti daqqa ta’ hadida fuq ras huh.

Illi xehed hu l-imputat Josef Farsi dwar l-incident in kwistjoni u ikkonferma x-xhieda li ta huh fis-sens illi xehed illi s-Sur Corito kien gie ghalih b’hadida u kien tah daqqa b’din il-hadida u b’konsegwenza kien waqa mal-art u storda. Farsi xehed ukoll illi sussegwentement huh kien qallu illi xi hadd kien ipprova iweggghu b’sikkina u hu kien harab. Huwa xehed illi fl-ebda hin ma kien ra sikkina f’idejn l-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta illi hemm konflitt car ta’ provi. L-istess Stefan Vella xehed illi fl-ebda hin ma ra xi sikkina, jew mus, jew strument iehor li jaqta f’idejn l-imputat.

Illi mill-banda l-ohra l-imputat dejjem cahad kategorikament l-incident kollu, cahad illi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq Williams Dionisios Angelos Corito u ghalhekk irrizulta illi l-akkuzi kollha ma gewx ippruvati.

Illi ukoll Stefan Vella xehed illi l-imputat iggieled mieghu u mieghu biss u mhux ma Corito. Huwa xehed illi Corito iggieled ma hu l-imputat u mhux mal-imputat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti filwaqt illi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxielhiex tipprova l-akkuzi migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi qeghda tiddikjara lill-imputat **mhux hati** ta’ dawn l-akkuzi kollha u qeghda **tilliberah** minn kull imputazzjoni htija u piena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------